**15 ta' April, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Alfred Anastasi nomine

*versus*

Anthony Camilleri, O.B.E. nomine

**Aċċessorju — materja fiscali — Liġijiet Tributarji**

*Bil-kelma "aċċessorju" minn "accessio" wieħed għandu jifhem ħaġa li qegħda taġġungi ruħha ma oħra u l-liġi fl-art. 611 tal-Kodiċi Ċivili tiskjarixxi dana l-konċett billi tagħtina idea dwar il-funzjoni tal-aċċessorju fil-konfront tal-prinċipal b'dawna l-kliem fejn: "titqies parti prinċipali dik li magħha l-oħra tkun ġiet mgħaqqda biss għall-użu jew għat-tiżjin ta' dik il-parti, jew sabiex tagħmilha kompluta.*

*F'materja fiskali, huwa konsiljabbli li meta d-Dwanier jistabilixxi kriterju dwar impożizzjoni ta' dazju fuq oġġett importat, u dana l-kriterju jiġi esegwit għal żmien konsiderevoli.*

*Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem sostniet li "l-liġijiet tributarji la għandhom jiġu interpretati kontra l-kontribwent u lanqas kontra l-erarju; iżda għandhom jinterpretaw ruħhom skond l-ispirtu u l-ittra tal-liġi li tkun li minnhom jitnissel bir-regoli tal-ermenewtika grammatikali u loġiku, u fid-dubju għandhom pjuttost jiġu risoluti affermattivament, l-għaliex il-kawża tad-dazju, jew imposta xi tkun, hija ta' utilità pubblika.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atur nomine — *premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji,* billi l-attur importa (u sdogana fit-30 ta' Diċembru, 1963)

merkanzija konsistenti f'makni tan-'knitting' u aċċessorji; u billi fost dina l-merkanzaj kien hemm skond il-fattura, 10 "tables" tal-valur (għall-fini tal-fissazzjoni tad-dazju) ta' £41.16.6, u billi l-konvenut esiġa dazju fuq dawn it-"tables" bir-rata tal-50% (għaliex jikkunsidrahom bħala "tubular furniture") mentri l-konvenut jikkontendi li l-istess "tables" għandhom iħallsu dazju bir-rata tal-10% (billi jidħer taħt "sewing and knitting machines, bases, covers and parts thereof"); u billi l-attur ħallas taħt protest id-dazju kollu li esiġa l-konvenut, talab illi (1) għandu jiġi deċiż u dikjarat li l-imsemmija "tables" bħala "bases" tal-makni tan-"knitting" huwa soġġett għad-dazju tal-għaxra fil-mija (10%) ad valorem u mhux tal-ħamsin fil-mija (50%) kif pretiż mill-konvenut; u (2) il-konvenut nomine jiġi kundannat biex iħallas lill-attur nomine, is-somma ta' sitta il-lira erbatax il-xelin u seba' soldi (£16.14.7) bl-imgħax legali min-notifika tal-preżenti ċitazzjoni, in rifużjoni tad-dazju li l-konvenut esiġa u li l-attur ħallas taħt protesta għall-imsemmija merkanzija, in eċċess ta' dak dovut skond il-liġi, bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha jgħid illi d-dazju impost mill-konvenut huwa skond kif tipprovdi l-liġi u għalhekk id-domandi attriċi huma infondati.

Ikkunsidrat:

Li m'hemmx kwistjoni bejn il-partijiet fuq l-ammont tar-rifużjoni mitlub fiċ-ċitazzjoni, il-kontestazzjoni, però, hija ċirkoskritta għal kwantum tad-dazju li għandhom iħallsu l-imwejjed importati mill-attur flimkien man-Knitting Machines mid-ditta "Superba" ta' Millhouse biex jiġu mibjugħa hawn Malta mingħand l-attur, bħala general manager tas-"Singer Sewing Machine Company".

Ikkunsidrat:

Li f dina l-materja huma elementi preponderanti (1) l-użu li għalihom huma destinati dawna l-imwejjed; (2) l-interpretazzjoni tal-liġi fiskali mogħtija mill-istes konvenut nomine, (3) x'għandu jifhem wieħed bil-kelma "base", in riferenza għall-liġi li tirrigwarda d-dazju fuq l-importazzjoni ta' "Sewing and Knitting Machines".

Ikkunsidrat:

Li dwar l-ewwel element huwa xieraq li jiġi premess li l-imwejjed in kwistjoni, skond kif jidher mid-dokumenti esibiti u kif jirriżulta mix-xhieda tal-attur, dejjem ġew importati flimkien ma dawna n-knitting machines, u ma xi partijiet oħra inservjenti għall-istess makni. Kif jidher, infatti, mill-illustrazzjoni tal-istess makna, kif montata fuq waħda minn dawna l-imwejjed, tant mid-dimensjoni tagħha, kif wkoll mill-fatt tal-indispensabilità tal-istess makna li tiġi agganġata mal-mejda biex wieħed jista jaħdem biha, huwa diffiċli li wieħed igħid li dawna l-imwejjed għandhom jiġu konsidrati separatament mill-makna għall-fini biss tad-dazju; mentri jkun aktar konsentaneu li noqgħodu għall-prinċipji li soltu jirregolawna fid-distinzjoni bejn il-prinċipal u l-aċċessorju. Jgħid infatti De Mauri fil-premessa spjegativa għad-diversi detti dottrinali tal-kollezzjoni teigħu "Regulae juris" u preċiżament rigward il-kliem "Principale — Accessorium" (Ediz. Ubrico Hoepli — paġ. 185): "Si dice cosa principale quella che sussiste da se' indipendentemente da altre; ad accessorio tutto cioè che è connesso in modo colla cosa principale, che si debba tenere per una parte di essa, e che stia quindi, colla medesima in rapporto di dipendenza".

Issa xejn ma jista jkun aktar dipendenti minn makna li ma tistax tiġi aġevolmente manuvrata jekk mhux fuq it-

tip ta' mejda ġa fuq riferita, li, għalkemm hija ta' sekondarja importanza għall-funzjonament tagħha, ma jistax jingħad li dana l-funzjonament ikun possibbli jekk il-makna ma tiġix sostnuta fuq mejda li ġiet manifatturata mill-istess ditta appositament għaliha. Bil-kelma aċċessorju, minn "accessio" infatti wieħed għandu jifhem xi ħaġa li qegħda taġġunġi ruħha ma oħra (v. Vocabolario Latino, Italiano; Ediz. Carlo Signorelli, Milano, 1956); u l-liġi fl-art. 611 tal-Kodiċi Ċivili tiskjarixxi dana l-konċett billi tagħtina idea dwar il-funzjoni tal-aċċessorju fil-konfront tal-Prinċipal, b'dawna l-kliem fejn: "Titqies parti prinċipali dik li magħha l-oħra tkun ġiet mgħaqqda biss għall-użu jew għat-tiżjin ta' dik il-parti, jew sabiex tagħmilha kompluta".

F'dina d-definizzjoni ssib is-soluzzjoni tagħha b'mod l-aktar naturali u ġuridiku, l-kwistjoni miġjuba quddiem dina l-Qorti; infatti, l-imsemmija imwejjed qegħdin jiġu importati flimkien mal-makni biss biex jintqegħda għall-użu tal-istess makni, li tagħhom huma l-komplement neċessarju.

Ikkunsidrat:

Li dwar it-tieni element rigwardanti l-interpretazzjoni mogħtija mill-konvenut nomine dwar l-esazzjoni tad-dazju għall-imwejjed simili importati mill-attur qabel l-ordni in kwistjoni, dina l-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut nomine, ġa mis-sena 1960 (fol. 16) adotta kriterju ta' dazju bażat fuq l-għaxra fil-mija (10%) "ad valorem" u baqa' jesiġi għall-istess imwejjed l-istess dazju sa ċertu żmien, imbagħad improvvisament, ħass li kellu jagħti interpretazzjoni ġdida lill-istess disposizzjoni tal-liġi, billi jassoġġetta dawna l-imwejjed għall-istess dazju li jiġi impost għall-artikoli definiti bħala "tubular furniture". Hawn għandu jiġi rilevat li dina l-interpretazzjoni kienet tkun konformi mal-liġi, kieku l-imwejjed in kwistjoni kienu jiġu importati separatament

u biex minnhom isir użu divers li għalih ġew fabbrikati. Jista' jkun li mejda, bħala tali, tista' sservi wkoll għall-użi oħra; iżda wieħed għandu jara primjerament l-iskop li għalih hija destinata l-istess mejda; u m'għandux jintilef fl-ipotesijiet ġeneriċi u aċċidentali li jistgħu jirrendu l-użu ta' biċċa mobbli simili, applikabbli għal dawk l-bżonnijiet kollha li jfettilu jagħmel minnha l-konsumatur.

Ikkunsidrat:

Li, f'materja fiskali, huwa konsiljabbli li meta d-Dwanier jistabilixxi kriterju dwar imposizzjoni ta' dazju fuq oġġett importat, u dana l-kriterju jiġi esegwit għal żmien konsiderevoli, — mhux aktar leċitu, mingħajr motivi serji sopraġġunti, li dana l-kriterju jiġi mibdul, in vista biss tal-konsiderazzjoni unilaterali tal-vantaġġ li minnha jidderiva lill-konvenut nomine. Dana jingħad, għaliex in-neguzjant li jkun ġa għamel il-kalkoli tiegħu meta poġġa fuq is-suq l-oġġett importat, bħala effett ta' dana l-mutament ta' kriterju jiġi jsofri ċertu frastornament f'dak li kien qabel in-normali andament tan-negozju tiegħu, billi oġġett li qabel kien jista' jinbiegħ, b'ċertu prezz, jiġi offert lill-konsumatur bi prezz sensibilment għola, mingħajr ma jkun jista jagħti ġustifikazzjoni oħra ħlief dik li huwa ppermetta li tiġi mitluba dwar l-istess oġġett rata ta' dazju, li mhiex konformi mal-liġi. M'għandux jintnesa li kwalunkwe negozjant iħoss li għandu jimponi, fejn huwa ġust, dik il-prerogativa li tispettalu biex kemm jista' jkun jiddipendi l-artikolu minnu mibjugħ mill-oscillazzjoni kapriċċjużi tal-prezz tiegħu fis-suq.

Ikkunsidrat:

Li, appuntu in omaggio għal dawna l-prinċipji, il-ġurisprudenza tat-tribunali tagħna dejjem sostniet li "l-liġijiet tributarji la għandhom jiġu interpretati kontra l-kontribwent

u lanqas kontra l-erarju; iżda għandhom jinterpretaw ruħhom skond l-ispirtu u l-ittra tal-liġi li tkun li minnhom jitnessel bir-regoli ta' l-ermenewtika grammatikali u loġika; u fid-dubju għandhom pjuttost jiġu risoluti affermativament, l-għaliex il-kawża tad-dazju, jew imposta xi tkun, hija ta' utilità pubblika: "interdictum hoc publicae utilitatis causa proponi palam est". U jekk fil-liġijiet tributarji, li ħafna drabi jiddipartixxu mir-regoli tad-Dritt Komuni, ma jkunx hemm disposizzjonijiet "ad hoc" u espressi fuq xi kwistjoni jew suġġetta kontrovers, allura jew ikun meħtieġ li tiġi applikata r-regola komuni li tant bid-dritt kemm bil-loġika m'għandhiex titlef l-effikaċja tagħha anki f'materja tributorja . . . . B'dana l-mod iċ-ċittadini jkunu assigurati li sejrin ikollhom ġustizzja kontra amministrazzjoni u amministratturi tal-erarju pubbliku". (Kollez. XXVIII, I, 523, XXXIV, I, 4);

Ikkunsidrat:

Li huwa prinċipju stabilit wkoll f'dina l-materja li meta l-kelma tal-liġi ma tiġix definita mill-leġislatur, trid tittieħed fis-sens li lilha jingħata mill-użu, bla ma jiġi minsi r-rapport li jkollha mal-materja speċjali li tkun qegħda tirregola t-test tal-liġi u mar-raġuni li tkun tifforma l-liġi, u la darba l-liġi, tiġi awtorevolment interpretata, minn min għandu japplikaha, b'mod ċert, ma jistgħux aktar isiru mutamenti fiha, jekk mhux permezz ta' liġi oħra: "Minime sunt mutanda, quae interpretationem certam habuerunt" (Paulus. 1.23 de legg. 1, 3).

Ikkunsidrat:

Li dwar it-tielet element tal-kwistjoni in kontroversja, dina l-Qorti, gwidata mill-prinċipji ġa fuq esposti, hija tal-fehma li l-liġi bil-kelma "bases", riferita għall-makni in

kwistjoni, riedet appuntu tikkomprendi wkoll l-imwejjed li fuqhom jitpoġġew l-istess makni; għaliex, diversament, wieħed ma jistax jifhem kif il-leġislatur ried jikkomprendi l-għotien tagħhom, u mhux wkoll parti essenzjali tal-makna li fuqha titpoġġa biex tista' tiġi użata aġevolment. Għalhekk dana t-tip ta' imwejjed sakemm jiġi pruvat, kif sar, li qegħdin jiġu impurtati għall-użu u bħala aċċessorji tal-makni in kwistjoni, għandhom ikunu soġġetti għad-dazju tal-għaxra fil-mija (10%) "ad valorem", u mhux tal-ħamsin fil-mija (50%) kif pretiż mill-konvenut nomine;

Ikkunsidrat:

Li l-attur ħallas id-dazju reklamat mill-konvenut nomine taħt protest. Dana l-mod ta' pagament għandu jiġi parifikat għal depożitu, bl-obbligu tal-korrispondenti rifusjoni da parti tal-konvenut nomine jekk eventwalment il-merkanzija sdazjata tiġi dikjarata soġġetta għal rata ta' dazju inferjuri għal dik li tiġi effettivament imħallsa mill-importutar. (Kollez. XXVI. II, 17; konfermata fl-Appell fil-15 ta' Marzu, 1926);

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur nomine bl-ispejjes kontra l-konvenut nomine.